### SENA MILL-MEWT TAS-SUR GEORGE N. CASSAR

# Edukatur tal-qlub Għawdxin



Mal-Grupp tal-Iscouts tal-Oratorju Don Bosco (l-ewwel wieħed bilqiegħda mix-xellug), fejn kien leader f'żgħożitu. Ħajr: Joseph Grech



Ma' Kunsill Skolastiku tad-disgħinijiet fis-Sixth Form ta' Għawdex fejn kien Surmast. Ħajr: Istitut Postsekondarju Sir M.A. Refalo, Victoria

Sena ilu, fil-21 ta' Ottubru 2017, miet is-Sur George N. Cassar, edukatur Għawdxi maħbub minn ħafna u ħafna studenti għall-karattru għaref, twajjeb u doċli tiegħu. Fuq kollox, bniedem tal-fidi li ta lil pajjiżna ħafna ċittadini onesti.

F'żgħożitu Ġorġ kien sportiv ħafna. Kien wieħed mill-plejers tat-tim tal-futbol tal-*Gozo II*, kif ukoll plejer regolari mat-tim tas-Salezjani. Darba, wara li ma baqax jilgħab, tabib ħabib tiegħu qallu li jekk irid jibża' għal saħħtu, iżomm il-karozza fil-garaxx u jimxi. Dan il-parir qatt ma nsieh u meta kiber, baqa' jimxi kullimkien u b'pass ħafif li kien jiddistingwih.

Kull min kien ifittex lil Ġorġ għal xi għajnuna, ħadd ma kien joħroġ iddiżappuntat, għax Ġorġ qatt ma qal le lil ħadd u kull biċċa xogħol kien jagħmilha bis-soltu entużjażmu tiegħu.

Kellu mħabba speċjali u ammirazzjoni kbira għall-missjunarji, u kien jgħin b'ruħu u b'ġismu, b'mod speċjali lil Dun Ġorġ Grima tal-Moviment Missjunarju *Ġesù fil-Proxxmu*. Kienu ħbieb tal-qalb.

Wara li rtira mix-xogħol, intalab li jkun ir-rappreżentant f'Għawdex tal-kumpanija tal-ivvjaġġar *First Choice*, kumpanija Ingliża b'fergħa bbażata Malta. Wara xi sena li kien ilu magħhom, rebbaħ il-kumpanija f'Malta l-aqwa *award* li qatt ma kienu rebħu qabel, u li kien jingħata lill-aqwa fergħa tagħhom minn madwar id-dinja. Tant il-kapijiet tal-kumpanija kienu impressjonati bir-*rating* għoli li kienu tawh it-turisti, li sa ġie uffiċjal mill-Ingilterra biex jistaqsih x'kien jagħmel. Ġorġ qallu: "Xejn speċjali, nittrattahom bħala ħbieb tiegħi".

Dun Manwel Curmi tal-Fondazzjoni Arka kien talab lil Ġorġ biex jagħtih daqqa t'id. U Ġorġ spiċċa *manager* b'mod volontarju għal xi żmien, fejn kien maħbub u rrispettat ħafna.

Imma forsi l-aqwa kontribut tah fl-Edukazzjoni. Bħala għalliem kien jagħmel noti ġodda kull sena. Kien jgħid li qatt ma mar quddiem klassi mhux ippreparat. Fuq is-sodda tal-mewt kien jgħid: "Jien żgur mhux ser ikolli nagħti kont ta' meta kont għalliem, għax dmiri dejjem għamiltu sew". Dan jixhduh il-ħafna studenti tiegħu.

Bħala Kap tal-Iskola kien dejjem jara kif itejjeb is-sitwazzjoni fl-iskola, kemm għall-għalliema u kemm għat-tfal. L-*istatus quo* qatt ma kien il-kredu tiegħu.

Qabel ma daħal il-kompjuter, it-*time-table* tal-Liċeo kien jagħmilha hu. Wara li jlestiha, kien jagħmel xi tlitt ijiem jew erbgħa 'jilgħab' magħha biex l-ebda għalliem ma jkollu tliet lezzjonijiet wara xulxin. "Ftit ħsieb issa", kien jgħid, "biex ħadd ma jbati għal sena sħiħa".

Biex ikompli jtejjeb is-sitwazzjoni fis-Sixth Form ta' Għawdex, stinka u bil-koperazzjoni u rieda tajba tal-għalliema bravi u dedikati li kien hemm, irnexxielu jżid in-numru ta' suġġetti li l-istudenti setgħu jagħżlu, biex b'hekk żdiedu wkoll l-opportunitajiet għal dawn iż-żgħażagħ.

Imma forsi l-aktar ħaġa li tatu sodisfazzjon u li ftit jew ħadd ma jaf biha hi din. Tħabat, stinka u kien tenaċi biex l-istudenti universitarji Għawdxin jagħmlu l-eżamijiet universitarji tagħhom hawn Għawdex stess flok ma jkollhom ibakkru "mis-sette matinati" biex jaslu Malta fil-ħin, wara vjaġġ ta' xi tliet sigħat bil-baħar, maltemp inkluż, u b'tal-linja. Mhux wieħed jew tnejn kienu jaslu għall-eżami 'mdamdmin'. Ġorġ bħala Għawdxi dan kien ġarrbu. Grazzi għal Ġorġ, issa din it-tbatija spiċċat u saret storja tal-passat.

Għalkemm dan ix-xogħol kollu għamlu b'entużjażmu u passjoni, it-tbissima u ċ-ċajta qatt ma naqsu minn fuq fommu.

Il-kummenti tal-Isqof Mario Grech, eks student tiegħu fis-Sixth Form, lil martu meta sema' li Ġorġ ġie nieqes, kienu: "*George is irreplaceable*".